# MINUTI

*It-Tmien Leġislatura*

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birgu
## Numru 37

Il-Kunsill Lokali Birgu ltaqa' għal din il-laqgħa fil-ħamsa ta' filgħaxija (5:00pm) nhar **il-Ħamis 1 ta' Luljuu 2021**.

**PREŻENTI:**

Is-Sur John Boxall – Sindku
Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
Is-Sur Trevor Mizzi – Kunsillier
Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier
Is-Sur Jason Portelli – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sur Christian Lawrence Raggio Vella – Aġent Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

Is-Sindku s-Sur John Boxall, qal it-talba u ppresedja l-laqgħa.

**37.1 Qari tal-ittri ta' Apoloġija**

37.1.1 Ebda ittri ta' apoloġija ma kienu preżentati.

N.B. Fil-bidu tal-laqgħa kien hemm nieqsa:
- Is-Sur Christopher Cassar – Viċi-Sindku
- Is-Sur Anton Gellel – Kunsillier

**37.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

37.2.1 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ressaq il-Minuti tal-Laqgħa Numru 36 għall-approvazzjoni.

37.2.2 B'referenza għal punt **36.3.1** is-Sindku ppreżenta ftit punti sabiex jitħejja kuntratt mal-Vittoriosa Stars F.C. dwar l-art pubblika li ser tingħata lilhom wara l-grawnd tal-futball sabiex isir *Padel Court*. Aktar dettalji f'punt **37.6** tal-Minuti.

37.2.3 B'referenza għal punt **36.3.10** is-Sindku qal li din l-applikazzjoni għall-iSteward tal-Annimali, ġiet sottomessa bejn il-Kunsilli Lokali tal-Kottonera u l-Kalkara sabiex ikun hemm uffiċjal wieħed tal-annimali ngaġġat mal-erba' kunsilli peress li għal Malta kollha, se jkun hemm assenjati biss għaxar uffiċjali.

37.2.4 B'referenza għal punt **36.3.16** is-Sindku qal li bgħat ittra lis-Sinjura Janice Azzopardi għan-nom tal-ERA dwar l-allokazzjoni ta' spazju fil-lokalità għall-provdiment ta' *Recycling Points* fejn fl-ittra wera li żewġ recycling points fil-Birgu ma kinux biżżejjed.

37.2.5 B'referenza għal punt **36.3.17** dwar it-tagħlim għat-tfal ta' bejn it-3 u s-6 Klassi, is-Sindku qal li jixtieq li l-MoU jkun iffirmat fl-aħħar ta' Lulju.

37.2.6 Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti, approvaw il-minuti unanimament.

**37.3 Korrispondenza**

37.3.1 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali ta' Bormla, liema korrispondenza kella magħha l-applikazzjoni lesta u

ffirmata kif ġiet mibgħuta sabiex isir l-ingaġġ tal-Uffiċjal fil-Komunità 'Steward' għat-trattament xieraq tal-annimali. (ara punt 37.2.3)

37.3.2 Preżentata l-verżjoni finali tal-kuntratt tal-kera tal-garaxx tal-kunsill f'Tal-Ħawli bejn il-kunsill u s-Soċjetà Mużikali San Lawrenz. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament mal-aħħar emendi li saru u għalhekk kien jonqos biss li issa l-kuntratt jiġi ffirmat.

**N.B.** 18:08 - Il-Kunsillier Trevor Mizzi ħareġ mil-laqgħa u kellu jerġa' jiġi aktar tard minħabba impenji personali. Fl-istess ħin daħlu il-Viċi-Sindku Christopher Cassar u l-Kunsillier Anton Gellel.

37.3.3 Preżentata korrispondenza dwar sejħiet għall-Proġetti taħt il-programm il-ġdid tal-Unjoni Ewropea *CERV-Town Twinning/Networks of Towns*. Is-Sindku qal li jixtieq li napplikaw għal ġemellaġġ mal-belt ta' Rhodi. Il-kunsilliera qablu unanimament ma' din il-proposta.

37.3.4 Preżentata l-ittra li ngħatat lis-Sindku waqt il-preżentazzjoni tal-fondi mogħtija mil-LESA fejn il-kunsill qed jibbenefika minn total ta' **€79,475**. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni kienet ġiet approvata u b'dawn il-fondi se jsir il-proġett tal-belvedere taż-żona ta' Fuq tal-Ħawli (fuq il-garaxx tal-Kunsill) u l-ispazju miftuħ ta' Triq iċ-Ċentinarju tal-Parroċċa.

37.3.5 Preżentata korrispondenza mibgħuta mir-Reġjun Xlokk dwar *The Pink October – Movember 2021 Campaign* fejn ir-Reġjuni huma mitluba li jorganizzaw xi attività mal-kunsilli lokali rispettivi tagħhom. Is-Sindku nkariga lill-kunsillier Jason Portelli biex jieħu ħsieb li għax-xahar ta' Ottubru, Couvre Porte jinxtgħel bid-dawl roża.

37.3.6 Preżentata korrispondenza mibgħuta mill-Perit Melanie Spiteri bil-BoQ tal-ġnien tal-Glażiż. Is-Sindku qal li bħalissa dan il-proġett qed jiġi analizzat biex finalment ikun approvat u jibda x-xogħol fuqu minn Ambjent Malta.

37.3.7 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Fr.John Avellino għan-nom tal-Parroċċa ta' San Lawrenz fejn qed issir talba biex il-Kunsill Lokali jidħol għall-ispiża tat-tiswija tal-*platform lift* li jinsab biswit l-istess knisja. Is-Sindku flimkien mal-kunsilliera preżenti qablu unanimament li l-ispiża tkun imħallsha mill-kunsill.

37.3.8 Preżentat il-*Memorandum of Understanding* li ġie maqbul bejn l-Awtorità tat-Turiżmu u l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar il-possibilitàli l-istabbilimenti tal-ikel joħorġu aktar imwejjed fuq barra minħabba nuqqas ta' spazju fuq ġewwa tal-istabbiliment minħabba r-restrizzjonijiet marbuta mal-pandemija. Il-Kunsill Lokali tal-Birgu iffirma dan il-kuntratt sabiex juri l-approvazzjoni tiegħu. Is-Sindku qal li kull stabbiliment għandu jimxi mar-regoli ta' dan il-kuntratt li jiskadu f'Settembru.

37.3.9 Preżentata korrispondenza mibgħuta minn Dr Antoine Zammit dwar id-disinn finali tal-Pjazza tal-Birgu b'xi emendi li saru wara li saret il-konsultazzjoni pubblika dwar dan il-proġett. Fost il-punti mqajjma, ġie deċiż li fir-risposta lura lil Dr Zammit, dawn l-affarijiet ikunu nklużi fil-proġett;

- Dwal taħt is-siġar li ser jitħawwlu fil-Pjazza
- Dwal fuq iċ-ċnut tal-bjut tad-dawra tal-Pjazza, liema dawl jinxtgħel f'okkażjonijiet speċjali biss,
- Dawl b'saħħtu li jgħati 'l fuq u juri l-forma tat-Torri tal-Arloġġ
- Il-bankijiet fejn il-pedament tal-Arloġġ ikunu jistgħu jiċċaqalqu minħabba l-armar tal-planċier tal-banda
- Il-pedament tat-Torri tal-Arloġġ jinżamm mikxuf minħabba l-umdità u l-ħmieġ li jista' jinġabar jekk isir il-ħġieġ

Ġie deċiż ukoll li l-kunsill għandu jitkellem mal-Awtorità tat-Turiżmu u ma' Dr. Zammit sabiex jinħoloq pjan ta' restawr tal-faċċati u l-gallariji li hemm fid-dawra tal-Pjazza tal-Birgu sabiex il-proġett ikun wieħed komplut u kif jixraq lil din il-belt.

37.3.10 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Laura Cole fejn volontarjament qed toffri li tagħmel sessjonijiet tal-qari darba fil-ġimgħa lil tfal bejn sitt snin u ħdax-il sena f'binja tal-kunsill tul is-sajf. Is-Sindku qal li dawn is-sessjonijiet jistgħu jsiru fil-Berġa tal-Ingilterra. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament ma' din il-proposta.

37.3.11 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lill-Professur Nicholas Vella sabiex tingħata assistenza waqt ix-xogħol ta' skavar fil-kantina tal-Berġa ta' Franza sabiex din tiġi restawrata.

37.3.13 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku ta' Parisot dwar il-proġett tal-ġemellaġġ bejn il-Belt tal-Birgu u l-villaġġ żgħir ta' Parisot, fejn twieled il-GranMastru De Vallete. Is-Sindku ta' Parisot qal li se jkun qed jitkellem

fil-kunsill sabiex din l-attività ssir f'Mejju tas-sena 2022. Ir-risposta min-naħa tagħhom għandha tingħata fil-ġimgħat li ġejjin.

37.3.14 Preżentati l-istimi tal-imprint concrete għal Triq San Anton, liema triq se tkun qed tiġi finanzjata mis-sid tal-*boutique hotel* li tinsab fl-istess triq filwaqt li l-kunsill se jkopri l-ispejjeż relatati mal-Korporazzjoni tal-Ilma. Il-kunsilliera qablu unanimament li mmorru għall-irħas offerta u tiġi infurmata sid il-hotel biex tikkonferma l-istima preżentata.

37.3.15 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Tracy Sammut, għan-nom tal-kumpanija, *Openwork Studio* li qed tieħu ħsieb ix-xogħol li qed isir f'dar numru 6, fi Triq il-Kan. Luwigi Fenech li se tinbidel f'residenza għall-ħabsin mmexxija mill-għaqda Mid-Dlam għad-Dawl. Is-Sindku xtaq ikun jaf għala din il-laqgħa ma ġietx mitluba li ssir f'waħda mis-swali tal-Kunsill Lokali u se ssir f'post ieħor, f'dan il-każ il-Kunvent tad-Dumnikani fil-Birgu. Barra minn hekk, is-Sindku qal li l-kunsill ma ġiex ikkonsultat qabel ma ġiet imfassla l-laqgħa iżda wara. Is-Sindku talab l-oppinjoni dwar jekk il-kunsill għandux ikun preżenti għal din il-laqgħa. Wara diskussjoni dwar dan il-punt, ġie deċiż b'mod unanimu mill-kunsilliera kollha li l-kunsill ma jkunx preżenti għar-raġuni li l-kunsill qed iżomm mal-pożizzjoni tiegħu kontra dan il-proġett. Is-Sindku qal li se jikteb lura lis-Sinjura Sammut b'dawn il-punti diskussi u se jibgħat kopja tal-ittra lir-residenti tat-triq u tal-madwar. Il-kunsilliera qablu unanimament.

37.3.16 Preżentata l-*purchase order* għall-erba' lampi tad-dawl għall-belvedere fi Triq La Vallete (fuq is-Simenta) sabiex jinbidlu ma dawk preżenti u jitwaħħlu oħrajn li jaħlu inqas. Il-kunsilliera approvaw unanimament.

37.3.17 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sur Joseph Cassar, segretarju tal-Vittoriosa Stars F.C. b'rispost għall-korrispondenza li s-Sindku bgħat sabiex jiċċekja jekk il-klabb kienx se jgawdi mill-finanzjament tal-Malta Football Association biex jinbidel il-wiċċ tal-grawnd tal-Fortini u jsir turf sintetiku. Is-Sur Cassar wieġeb li bħala klabb, qatt ma ġie infurmat b'proġetti ta' dan it-tip.

37.3.18 Preżentata korrispondenza mibgħuta mis-Sindku lis-Sinjura Janice Azzopardi, għan-nom tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi dwar ir-Recycling Points fil-Birgu. Is-Sindku spjega fl-ittra li żewġ bring-in sites fil-Birgu ma kinux biżżejjed u għalhekk il-liġi li tistipula li jkun hemm sett ta' bring-in site għal kull 2000 (elfejn) resident, ma treġix meta l-Birgu għandek popolazzjoni anzjana.

**37.4 Jum il-Birgu u Birgufest 2021**

37.4.1 Is-Sindku qal li s'issa ma ġie mħabbar xejn dwar il-Birgufest 2021 peress li l-kunsill applika għall-fondi għal attivitajiet kulturali biex isiru fis-sena 2021.

37.4.2 Is-Sindku qal li din is-sena Jum il-Birgu għandu jiġi ċċelebrat bħas-snin ta' qabel, dejjem skont id-direttivi maħruġa mill-Awtoritajiet tas-Saħħa. Is-Sindku żied jgħid li hu xtaq li jalloka fond ta' sitt elef Ewro (€6000) sabiex l-attività ta' Jum il-Birgu issir tajba u kif jixraq. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

37.4.3 Is-Sindku propona li din is-sena, minħabba ċ-ċentinarju mill-mewt ta' San Duminku, il-quddiesa ta' Jum il-Birgu ssir fil-Knisja tal-Lunzjata. Il-kunsilliera qablu unanimament ma' din il-proposta.

37.4.4 Ġie deċiż li l-attività ta' Jum il-Birgu ssir fil-Pjazza u għal din l-okkażjoni l-Pjazza tkun maqgħluqa kompletament għat-traffiku sabiex ikun hemm biżejjed spazju biex jidħlu n-numru ta' siġġijiet permessibli skont id-direttivi tal-Awtorità tas-Saħħa. Is-Sindku talab lill-kunsilliera sabiex fil-laqgħa li jmiss jiġu bl-ideat ta' kif għandha ssir l-attività u dwar l-isimijiet għan-nominazzjoni ta' Ġieħ il-Birgu 2021. Il-kunsillier Anton Gellel issuġġerixxa li d-diskors tal-okkażjoni li jsir kull sena, isir mill-Kanonku Dun Stephen Attard peress li huwa kapaċi joffri diskors tajjeb ankè b'relazzjoni mal-istorja tal-Birgu. Fuq din il-proposta għad ma kienx hemm deċiżjoni.

37.4.5 Is-Sindku qal li mal-attività ta' Jum il-Birgu 2021, xtaq jorbot dawn l-attivitajiet;

- Tnehdija tal-ktieb Survivors (it-tieni volum),
- Tnehdija tal-ktieb ta' Jenson Elsworth,
- Inawgurazzjoni tar-restawr tal-Berġa ta' Franza.

37.4.6 Fuq nota oħra, ġie deċiż li nhar il-Festa ta' San Duminku, il-Kunsill jagħti tifkira lill-Patrijiet tal-Kunvent tad-Dumnikani fl-okkażjoni taċ-ċentinarju. Il-kunsilliera preżenti qablu unanimament.

37.4.7 Is-Sindku qal li sa Jum il-Birgu, il-pjanu mhux se jilħaq ikun lest għar-restawr u għalhekk ikun xieraq li fil-Milied isir kunċert fis-sala ta' fuq tal-Berġa ta' Franza biex jiġi inawgurat dan il-pjanu.

**37.5 MoU – Tagħlim għat-tfal ta' bejn it-3 u s-6 Klassi**

37.5.1 Is-Sindku qal li l-*Memorandum of Understanding* bejn l-Optimist Club

Malta u l-Kunsill Lokali tal-Birgu ġie finalizzat u jista' jiġi iffirmat. Għal dan l-iffirmar kellha tinstab ġurnata tajba għaż-żewġ partijiet lejn tmiem Lulju 2021 sabiex jiġu msejħa wkoll il-kmamar tal-aħbarijiet.

37.5.2 Preżentat ukoll il-poster uffiċjali li ġie preparat ukoll mill-Optimist Club Malta, liema poster se jkun qed jitqassam lill-ħwienet tal-Birgu u mailshot fid-djar kollha. Dan il-poster ġie approvat unanimament mill-kunsilliera kollha.

**37.6 Kuntratt mal-Vittoriosa Stars F.C. għall-ispazju pubbliku wara l-grawnd tal-Fortini**

37.6.1 Is-Sindku ressaq għall-attenzjoni tal-kunsill xi punti sabiex jiġi fformulat kuntratt bejn il-Vittoriosa Stars F.C. u l-Kunsill Lokali tal-Birgu għall-kiri ta' art pubblika wara l-grawnd tal-Fortini sabiex tinbidel f'Padel Court.

37.6.2 Il-kunsilliera preżenti qablu ma' dawn il-punti mressqa mis-Sindku kif ukoll li jintalab ħlas minimu għall-kera ta' din l-art. Il-kunsilliera qablu li bil-flus miġbura b'dan il-ħlas, il-kunsill jinvesti dawn il-flus fl-edukazzjoni u fil-ħtiġijiet tal-iskola Primarja tal-Birgu. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex l-Avukat tal-kunsill iħejji kuntratt sabiex jiġi diskuss u finalment iffirmat miż-żewġ partijiet.

**37.7 Riforma fis-sistema tal-Parkeġġ għar-Residenti**

37.7.1 Is-Sindku qal li se tintbagħat *mailshot* fi-djar kollha sabiex dawk ir-residenti li għandhom il-permess tal-parkeġġ skadut, iġedduh.

37.7.2 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li l-permess oranġjo jibda jinħareġ kull sitt xhur u mhux kull sena. Il-kunsilliera qablu wkoll li l-permess temporanju tal-parċmina jispiċċa għaliex minnu kien qed ikun hemm abbuż u għalih kienu qed ibagħtu r-residenti. Minkejja li din kienet deċiżjoni iebsa, għaliex mhux kulħad kien jabbuża minn dan il-permess, l-ewwel prijorità għall-parkeġġ kellha tingħata lir-residenti tal-Birgu, liema parkeġġi kienu dejjem qed jonqsu minħabba l-ħruġ ta' dawn il-permessi.

**37.8 Ingaġġ ta' Tabib tax-xogħol mal-Kunsill**

37.8.1 Il-Kunsilliera preżenti qablu unanimament li jiġi ngaġġat tabib tax-xogħol sabiex jintbagħat kull meta jkun hemm rapport ta' sick mill-ħaddiema kollha tal-kunsill, kemm dawk klerikali kif ukoll dawk li jagħmlu xogħol manwali.

37.8.2 Is-Sindku qal li flimkien mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv, ser jiltaqgħu u jiddiskutu mat-tabib il-proċedura sabiex dan it-tabib ikun ingaġġat mal-kunsill fl-iqsar żmien possibli.

**37.9 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera u Komunikazzjoni mis-Sindku**

37.9.1 Il-Kunsillier Trevor Mizzi talab l-għajnuna tas-Sindku biex tittieħed azzjoni biex l-islip way tat-Toqba l-antika ma tkunx imblukkata minn caravans jew karozzi sabiex in-nies ikunu jistgħu jinżlu jgħumu faċilment. Is-Sindku qal li se jieħu azzjoni u talab lis-Sur Mizzi biex jikkomunika ma' Transport Malta sabiex iż-żona tal-għawm fit-Toqba tal-Birgu, titkabbar peress li ż-żona qed tkun frekwentata aktar u tkun kbira biżżejjed ukoll ankè wara li jsir il-proġett tal-organizazzjoni tal-mażżri.

37.9.2 Il-Kunsillier Trevor Mizzi qal li hemm bżonn tittieħed azzjoni mill-Grand Harbour Marina sabiex ikun kontrollot aħjar it-traffiku fil-Waterfront tal-Birgu peress li qed ikun hemm konġestjonijiet sħaħ. Is-Sindku qal li se jikteb lis-Sur Gordon Vassallo sabiex jiġu nstallati traffic lights fid-daħla u f'tarf il-waterfront kif darba kien issuġġerixxa huwa stess sabiex ikun hemm kontroll aħjar.

37.9.3 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li t-talba għall-isem tat-triq 'Triq Lino Bugeja' ġie approvat mill-iStreet Naming Committee.

37.9.4 Is-Sindku preżenta ritratti tal-faldrappa l-ħadra bl-arma tal-Birgu li titpoġġa mal-bank tal-Knisja fejn ipoġġi s-Sindku waqt xi funzjonijiet li għalihom jattendi l-kunsill.

37.9.5 Is-Sindku qal li l-bibien u l-vetrina tal-bandalora li kienu ordnati għas-swali ta' fuq tal-Berġa ta' Franza kienu lesti. Spjega wkoll li kien se jinbeda x-xogħol ta' tqegħid ta' wires tas-sound biex is-sala ta' fuq tkun armata wkoll b'sistema tas-sound fissa.

37.9.6 Il-Kunsillier Anton Gellel ippropona biex fi Triq San Lawrenz (in-niżla tat-tul tax-xatt mill-konfini ma' Bormla sal-Monument tal-Ħelsien) jibda jintrama fustum tad-dawl mal-arbli tal-festa għal-istaġun tas-sajf bħalma jsir f'ibliet u rħula oħra max-xtajtiet.

37.9.7 Il-Kunsillier Jason Portelli talab lis-Sindku biex tibda tingħata għajnuna lill-Vittoriosa Stars F.C. biex wara l-*carboot sale* ta' nhar ta' Ħadd, isir tindif tal-ħmieġ li jitħalla fejn il-grawnd. Is-Sindku qal li din għandha tkun responsabbiltà

ta’ min jorganizza l-*carboot sale* u mhux tal-kunsill għaliex dan it-tip ta’ tindif, iġib miegħu spejjeż addizzjonali.

**37.10 Approvazzjoni tal-Iskeda tal-Pagamenti**

Is-Sindku, s-Sur John Boxall ressaq għall-**approvazzjoni l-Iskeda tal-Pagamenti Numru 27** li tkopri ċ-ċekkijiet bin-numri, **BOV 6002** sa **BOV 6028** u ħlasijiet oħra li saru permezz ta' ***Bank Transfer***. Il-Kunsilliera preżenti approvaw b'mod unanimu l-iskeda preżentata.

**37.11 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fit-tmienja u nofs ta` filghaxija (8:30pm). Is-seduta li jmiss tal-Kunsill Lokali tal-Birgu se ssir it-Tlieta 27 ta` Lulju 2021 fil-ħamsa ta` filgħaxija (5:00pm).

Konfermati llum: **27 ta' Lulju 2021.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| John Boxall | Christian Lawrence Raggio Vella |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |